MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 1224/1997/1

**Emanuel Zammit bħala direttur f'isem u fl-interess ta' Springfield Company Limited**

**v.**

**Charles Polidano f'ismu proprju u f'isem u fl-interess ta' Polidano Bros. Co. Limited u Cement Mix Co. Limited**

Rat l-att tac-citazzjoni li ressqet is-socjeta` attrici fit-30 ta' Mejju, 1997, u li taqra hekk:
"Peress illi s-socjeta` attrici tiggestixxi n-negozju ta' lukandier taht l-isem ta' Sprinfield Hotel liema lukanda tinsab fis-service road off Pioneer Road Bugibba.

“Peress illi l-konvenut proprio et nomine jew agenti tieghu jew min minnhom beda u ghadu qieghed jezegwixxi xoghol ta’ kostruzzjoni fuq site adjacenti l-lukanda Springfield fis-service road off Pioneer road Bugibba.

“Peress illi s-socjeta` attrici kemm-il darba gibdet l-attenzjoni tal-konvenut proprio et nomine jew agenti tieghu jew min minnhom ghall-fatt illi l-mod kif kien qieghed jigi ezegwit ix-xoghol kien qieghed jikkawza hsara, pregudizzju u telf ta’ qliegh ghaliha minhabba fid-dewmien zejjed fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet, hsejjes ta’ ngenji applikati, parkeggjar ta’ mezzi kbar quddiem u fil-vicinanza prossima tal-lukanda sew b’mod permanenti kif ukoll temporanju, trabijiet, invazzjoni fuq il-privatezza tal-ospiti tal-lukanda minn xi whud mill-haddiema, hsara fil-pool fost hwejjeg ohra.

“Peress illi l-konvenut proprio et nomine jew agenti tieghu jew min minnhom qatt ma taw kaz ta’ dawn l-ilmenti biex b;hekk is-socjeta` attrici baqghet, ghadha u sejra tkompli ssofri hsara, pregudizzju u telf ta; qliegh nascenti mill-fatt illi l-bookings ghas-sena kurrenti gew fil-maggor parti taghhom kancellati u r-residenti li ma kkancellawx il-bookings qeghdin jigu trasferiti mit-tour operators taghhom jew jitolbu kumpens shih minghand is-socjeta` attrici minhabba l-fatt illi ma jridux jibqghu fil-lukanda Springfield bil-konsegwenza li l-lukanda tilfet ir-reputazzjoni taghha u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Peress illi konsegwenza tal-agir irresponsabbli tal-konvenut proprio et nomine jew agenti tieghu jew min minnhom, arreka, qieghed jarreka u ser ikompli jarreka danni materjali u ngenit lis-socjeta` attrici kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghal liema danni s-socjeta` attrici titlob li tigi risarcita.

“Peress illi l-konvenuti proprio et nomine, jew min minnhom, ghalkemm mitlub sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni baqa’ inadempjenti.

“Jghid il-konvenut proprio et nomine jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjarahom jew min minnhom responsabbli ghad-danni u telf ta’ qliegh soffert mis-socjeta` attrici nascenti mill-kancellament ta’ bookings ghas-sena kurrenti, ghall-ispustar ta’ residenti mit-tour operators, telf tar-reputazzjoni tal-lukanda, kumpens imhallas u spejjez ohra inkorsi u li ghad jigu inkorsi u dan minhabba d-dewmien zejjed fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet inkorsi, hsejjes ta’ ngenji applikati, parkeggjar ta’ mezzi kbar quddiem u fil-viciinanza prossima tal-lukanda sew jekk b’mod permanenti jew momentarju, trabijiet, nvazjoni fuq il-privatezza tal-ospiti tal-lukanda minn xi whud mill-haddiema, hsara fil-pool fost hsejjeb ohra.

“2. Tillikwida d-danni u telf ta’ qliegh soffert u li ghad jigi soffert mis-socjeta` attrici nascenti mill-kancellament ta’ bookings ghas-sena kurrenti, ghall-ispustjar ta’ residenti mit-tour operators, telf tar-reputazzjoni tal-lukanda, kumpens imhallas u spejjes ohra inkorsi u li ghad jigu inkorsi u dan minhabba d-dewmien zejjed fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet inkorsi, hsejjes ta’ ngenji applikati, parkeggjar ta’ mezzi kbar quddiem u fil-vicinanza prossima tal-lukanda sew jekk b’mod permanenti jew momentarju, trabijiet, invazjoni fuq il-privatezza tal-ospiti tal-lukanda minn xi whud mill-haddiema, hsara fil-pool fost hwejjeg ohra u occorrendo n-necessita` bl-opera ta’ Periti nominandi.

“3. Tikkundanna lill-istess konvenut proprio et nomine jew min minnhom ihallas lis-socjeta` attrici d-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut proprio et nomine jew min minnhom inkluzi dawk taz-zewg Protesti Gudizzjarji tat-23 ta’ April 1997 u tas-7 ta’ Mejju 1997 minn issa ngunti sabiex jidhru u ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

“Illi preliminarjament Charles Polidano ma ghandu ebda relazzjoni guridika ghaliex ma bena ebda Cinema Complex kif allegat;

“Illi s-socjeta` Cement Mix Limited hija biss proprjetarja tal-art fejn inbnew ix-xoghlijiet li gew fdati f’idejn kuntratturi Ritchie Micallef; Polidano Bros Limited ma kellha ebda parti fil-kostruzzjoni;

“Illi l-eccipjenti ezercitaw validament u legalment dritt u dan kif jirrizulta mill-anness peremess ghall-izvilupp mahfrug mill-Awtorita` tal-Ippjanar; ir-responsabbilita` hija ghalhekk f’kul stadju kontestata;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u minghajr ammissjoni ta’ responsabbilita` d-danni pretizi huma irreali – aktar u aktar meta wiehed iqis illi l-lukanda hija fil-mument ghaddejja minn prodceduri ta’ subbasta;

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Mejju, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
“**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari** u teħles lill-imħarrek Charles Polidano fil-kwalita’ tiegħu personali milli jibqa’ fil-kawża, bi spejjeż għall-kumpannija attriċi;

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi**, u ssib li l-kumpannija attriċi ġarrbet ħsara tul iż-żmien li l-kumpanniji mħarrkin kienu qegħdin iwettqu xogħlijiet ta’ żvilupp ta’ sit biswit il-lukanda mmexxija mill-istess kumpannija attriċi, u li l-istess kumpanniji mħarrkin iridu flimkien iwieġbu għal tali ħsara, konsistenti f’telf ta’ dħul u ta’ qligħ;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi fis-somma ta’ erbgħa u sittin elf u disa’ mija u tnax-il euro (€64,912);

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpanniji mħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ erbgħa u sittin elf u disa’

mija u tnax-il euro (€ 64,912) bħala danni likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum effettiv; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-kumpanniji mħarrkin, ħlief dawk tal-imħarrek Charles Polidano personalment, li għandha tħallashom il-kumpannija attriċi."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din hija azzjoni għal danni minħabba xogħlijiet li saru f'fond ta' terzi li jmiss mal-ġid tal-attur *nomine*. Huwa jgħid li minħabba xogħlijiet li l-imħarrkin, jew min minnhom, għamlu f'sit li jmiss mal-lukanda mmexxija mill-kumpannija attriċi, u d-dewmien u t-tul taż-żmien li damu għaddejjin tali xogħlijiet, l-istess kumpannija attriċi ġarrbet telf kbir. Dan it-telf kien jikonsisti f'telf ta' prenotazzjonijiet għal-lukanda, tneħħija ta' residenti mil-lukanda minħabba l-inkonvenjent tal-istorbjijiet u trabijiet, telf tal-isem tajjeb tal-lukanda mal-aġenti tal-ivvjaġġar, l-għoti ta' fastidju lir-residenti tal-lukanda min-naħa tal-ħaddiema, ħsara fil-pixxina tal-lukanda u t-tħollija ta' inġenji u attrezzi quddiem il-lukanda u parkeġġar tal-istess;

"Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin (aktar 'il quddiem imsejħin "PBCM") laqgħu billi qalu li l-imħarrek Charles Polidano personalment ma għandu x'jaqsam bl-ebda mod ma dak li ġara. Fil-mertu, laqgħu wkoll billi qalu li l-kumpannija mħarrka Cement Mix Limited hija s-sid tal-art fejn saru x-xogħlijiet, li biex saru tqabbad Ritchie Micallef bħala kuntrattur. Lanqas il-kumpannija l-oħra mħarrka Polidano Brothers Limited ma kellha x'taqsam mal-bini tas-sit fejn saru x-xogħlijiet li minnhom jilminta l-attur *nomine*. F'kull każ, qalu li huma eżerċitaw jedd mogħti lilhom għall-iżvilupp tas-sit bis-saħħa ta' permessi meħtieġa u fil-qies, u għalhekk ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-ħsara mġarrba mill-attur *nomine*. Għalqu billi qalu li, bla ebda stqarija ta' ħtija, jqisu li d-danni reklamanti mill-kumpannija attriċi huma eżaġerati l-iżjed meta wieħed iqis li, f'dak il-waqt, l-istess lukanda kienet għaddejja minn proċess ta' subbasta;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "SCL") tmexxi lukanda bl-isem ta' "*Springfield Hotel*", fi Triq il-Pijunieri, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar. Il-lukanda fetħet il-bibien tagħha u bdiet tilqa' n-nies f'nofs Mejju tal-1995[1]. It-tmexxija tal-lukanda kienet l-attivita' waħdanija ta' SCL f'dak iż-żmien[2]. Meta fetħet il-lukanda, l-art ta' ħdejha kienet għadha battala u mingħajr l-ebda żvilupp fuqha;

"Illi għall-ħabta ta' nofs Marzu tal-1996, ntrama *tower crane* fit-triq quddiem is-sit ta' ħdejn il-lukanda[3]. SCL ressqet ilment miktub mal-Pulizija fl-24 ta' Mejju, 1996[4]. Fil-bidu ta' Ġunju, 1996, PBCM bdew jagħmlu xogħlijiet fis-sit ta' biswit il-lukanda mmexxija minn SCL. Għall-ewwel saru xi xogħlijiet ta' tqattigħ ta' blat u tħammil ta' materjal. Ix-xogħol fis-sit kien jikkonsisti f'binja ta' kumpless kummerċjali ta' ċinema li ssemma "*Empire Cinema*". Matul iż-żmien li kien għaddej il-bini, SCL kitbet lill-Pulizija biex titlobhom jieħdu passi kontra PBCM[5]. Fl-istess żmien, SCL irċeviet avviżi[6] minn aġenziji tal-ivvjaġġar li magħhom kellha ftehim li jibgħatulha nies biex joqogħdu fil-lukanda tagħha, li, minħabba x-xogħlijiet li kienu għaddejjin fil-fond fil-qrib, kienu qegħdin iħassru l-prenotazzjonijiet u jakkomodaw lit-turisti band'oħra[7]. Ix-xogħol tal-binja tas-sit dam sejjer madwar tmintax-il xahar[8];

"Illi lejn tmiem l-istaġun tas-sajf tal-1996, SCL temmet l-impieg tal-ħaddiema kollha tagħha għajr għal wieħed[9], minħabba li l-għadd ta' nies li kienu qegħdin joqogħdu fil-lukanda waqa'. Qabel ma nbdew ix-xogħlijiet, SCL kienet tħaddem 'il fuq minn erbgħin ruħ fil-lukanda[10];

"Illi f'Mejju tal-1997 infetħet din il-kawża. Ix-xogħlijiet intemmu f'Diċembru tal-1997[11] u x-xogħol fil-lukanda reġa'

---

[1] Xhieda ta' Alan Portelli 4.1.1999, f'paġ. 24 tal-proċess
[2] Xhieda ta' Anatole Baldacchino 14.10.2003, f'paġ. 152 tal-proċess
[3] Dokti "JMS3" sa "JMS6", f'paġ. 55 tal-proċess
[4] Paġ. 83 tal-proċess
[5] Dok "AL1", f'paġġ. 64 sa 71 u 78 sa 82 tal-proċess
[6] Dokti "1" sa "4", f'paġġ. 5 sa 10 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Ray Azzopardi 12.6.2000, f'paġ. 90 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Emidio Vella 27.6.2001, f'paġ. 115 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Lawrence Caruana 4.1.1999, f'paġ. 30 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Alan Portelli, f'paġ. 24 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Emmanuel Żammit 4.1.1999, f'paġ. 28 tal-proċess

beda jistejqer[12] u għalkemm għal xi żmien SCL irreġistrat telf qawwi, lejn l-2001 bdiet tirreġistra qligħ[13];

“Illi l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li l-Qorti jeħtiġilha tagħmel jintrabtu sfiq man-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi li hija waħda għal risarċiment ta’ dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għal dan id-dannu. Il-parametri ta’ azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbilta’ ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[14];

“Illi **dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta’ għal dak li seħħ**, huwa prinċipju stabilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[15], u li jitqies fi ħtija kull min, f’għamilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta’ missier tajjeb tal-familja[16]. B’mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b’nuqqas ta’ għaqal, ta’ prudenza jew ta’ ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f’hekk[17]. Madankollu, ħsara li sseħħ b’aċċident jew b’forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[18];

“Illi bil-frażi “dmir impost mil-liġi” wieħed għandu jifhem kull għamla ta’ ksur jew trasgressjoni ta’ xi dover li l-liġi tqiegħed fuq persuna partikolari f’xi ċirkostanza partikolari[19], u dan taħt il-massima *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit*. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li b’liġi hawn wieħed ma jifhimx biss il-liġi ċivili, imma wkoll kull att leġislativ li għandu s-saħħa ta’ liġi;

---

[12] Xhieda ta’ Joan Żammit 28.6.1999, f’paġ. 43 tal-proċess

[13] Ara Dokti “AB1” sa “AB4”, f’paġġ. 158, 161, 170, 173, 182, 185, 194 u 197 tal-proċess

[14] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D’Amato noe vs Filomena Spiteri et***

[15] Art. 1031 tal-Kap 16

[16] Art. 1032(1) tal-Kap 16

[17] Art. 1033 tal-Kap 16

[18] Art. 1029 tal-Kap 16

[19] App Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bondin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.582**)

"Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għamil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni[20]. Fil-każ tal-lum, fir-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li l-attur *nomine* ġarrab il-ħsarat li minnhom jilminta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li dik il-ħsara kienet ħtija ta' PBCM;

"Illi SCL tressaq għadd ta' ċirkostanzi li tindikahom bħala l-irjus tad-dannu mġarrab minnha. Għalkemm fl-Att taċ-Ċitazzjoni tirreferi għal ħsarat fil-post (tissemma ħsara fil-pixxina tal-lukanda) baqgħet ma ressqet l-ebda provi dwar dan. Prova ta' ħsarat trid issir b'xhieda teknika jew fattwali li turi sewwa fejn u kif seħħet il-ħsara fil-proprjeta' tal-parti mġarrba. Żgur li ħsara ta' din l-għamla ma tintweriex bid-dokumentazzjoni tal-*accounts*. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis l-ilmenti tad-dannu mġarrab minn SCL fuq il-kawżali ta' telf ta' negozju u molestja;

"Illi mill-provi mressqa jirriżulta li l-lukanda mħaddma minn SCL bdiet tilqa' n-nies f'Mejju tal-1995. Fl-ewwel sena tagħha, qabdet ċertu ritmu. Minħabba l-investiment li kienet għamlet, kellha wkoll ċerti mpenji finanzjarji qawwija mal-bank li taha faċilita' bankarja sostanzjali. Mill-atti joħroġ bħala prova mhux kontradetta li, minkejja ż-żmien qasir li kienet ilha mħaddma, l-lukanda laqgħet fiha 'l fuq minn ħamsa u għoxrin elf ruħ fl-ewwel sena u kwart tal-ħidma tagħha, għalkemm ma tressqet l-ebda prova li mqar tindika kemm-il persuna l-lukanda setgħet takkomoda f'ħin wieħed jew kemm-il kamra għandha. Dawn il-provi kienu jaqgħu fuq SCL;

"Illi min-naħa l-oħra, tressqu provi tajbin biżżejjed li matul iż-żmien li kien għaddej ix-xogħol fuq is-sit ta' PBCM, jekk mhux ukoll sa minn meta ntrama t-*tower crane* sewwasew mal-faċċata tal-lukanda ta' SCL, l-għadd ta' mistednin fl-imsemmija lukanda beda jonqos. Hemm provi – li PBCM

[20] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***

ma waqqgħetx imma ippruvat ixxejjen bħala mhux ta’ min joqgħod fuqhom – li saħansitra xi aġenti li kellhom arranġamenti ma’ SCL biex jibgħatu t-turisti fil-lukanda tagħha, qatgħuha li sakemm ikunu għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet, ma kinux se’ jibgħatu nies hemmhekk. Il-Qorti tqis li dawn il-fatti jispjegaw it-telf jew nuqqas ta’ dħul reġistrat fl-attivita’ kummerċjali tal-lukanda. Tqis ukoll li huma l-kawża ta’ tali telf. Dan jinsab konfermat ukoll mis-sejbiet tal-*accountant* imqabbad minn SCL, anke meta kien kontro-eżaminat b’ċerta qawwa[21];

“Illi, b’żieda ma’ dan, issib li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru minn PBCM u kienu l-kawża diretta tal-effetti ta’ telf li ġarrbet SCL. SCL issejjaħ dawn ix-xogħlijiet bħala d-“*danno ingiusto*” u tgħid li dawn huma hekk għaliex setgħu ma seħħewx li kieku ma kienx għar-rieda stinata ta’ PBCM li ma tat l-ebda każ tal-ilmenti tagħha. Hija tagħti bosta raġunijiet għaliex dan hu hekk[22]. Hija tgħid li t-*tower crane* ma messux intrama fit-triq sewwasew quddiem il-faċċata tal-lukanda tagħha (il-provi juru li t-*tower crane* twaqqaf fit-triq u mhux fis-sit fejn sar il-bini), l-inġenji kienu jitwaqqfu quddiem id-daħla tal-lukanda meta kien hemm triq wiesgħa biżżejjed biex setgħu jitwaqqfu aktar ’il bogħod, l-ilmenti li kienu jsiru minnha mal-Pulizija ma kinux jingħataw widen mill-imħarrkin, ma kienx xieraq li x-xogħlijiet fuq is-sit jibdew minn kmieni filgħodu u lanqas ma kienx xieraq li bdew hu u dieħel l-istaġun tas-sajf meta l-għadd ta’ turisti u l-attivita’ turistika tkun fl-aqwa tagħha;

“Illi, mill-banda l-oħra, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, irriżulta li l-lukanda baqgħet titmexxa minn SCL u, sa minn ċertu żmien wara li ntemmu x-xogħlijiet fis-sit ta’ PBCM, kienet reġgħet bdiet tirranka. Iżda l-provi mressqa minn SCL innifisha juru li tali titjib ma joqrobx wisq lejn il-livell ta’ attivita’ li tgħid li kienet għaddejja bih fl-ewwel xhur tal-ħidma tagħha qabel bdew ix-xogħlijiet minn PBCM. Kemm hu hekk, sa erba’ snin wara li ntemmu x-xogħlijiet, l-*management accounts* juru li l-lukanda baqgħet tħaddem medja ta’ żewġ (2) persuni biss[23];

[21] Xhieda ta’ Anatole Baldacchino f’paġġ. 153 u 210 tal-proċess
[22] Ara paġġ. 219 sa 221 tal-proċess
[23] Ara paġġ. 161, 173 u 197 tal-proċess

"Illi, min-naħa tagħhom, PBCM jisħqu li kulma għamlu kien li nqdew mill-jedd tagħhom fil-qies li jmiss u għalhekk ma jweġbux għall-ħsara li setgħet ġrat b'dak l-użu[24]. Huma jisħqu li mhux kull fatt li joħolq dannu jnissel l-obbligu tar-risarċiment, għaliex biex ikun hemm tali obbligu jrid jintwera ksur ta' dmir ġuridiku impost fuq l-oġġett tal-azzjoni. Magħqud ma' dan l-element, imbagħad, il-parti mġarrba trid turi li l-għamil kien magħmul b'attteġġament ta' traskuraġni, imprudenza jew nuqqas ta' ħila min-naħa ta' min ikun wettaq dak l-għamil;

"Illi huma jisħqu li qatt ma għamlu xejn li seta' ta lil SCL il-jedd li titlobhom jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li tilminta minnhom. Huam jgħidu li x-xogħol kollu kien imħares bil-permessi mingħand l-awtoritajiet kompetenti, li kellhom liċenza għall-armar tal-inġenji u li ħadmu dejjem bl-aqwa metodi tekniċi disponibbli. Itennu li d-danni reklamati minn SCL huma irreali u mingħajr bażi fil-fatt. F'kull każ, jinsistu li fit-twettiq tal-bini tal-proġett ma għamlu xejn li jmur lil hinn minn dak li normalment iseħħ f'sit li jkun qiegħed jinbena;

"Illi l-Qorti ssib li SCL tassew ma wrietx li kien qiegħed jinħalaq dannu mill-mod kif saru x-xogħlijiet infushom u kemm hu hekk tgħid li hija ma kinitx kontra li jsir tali xogħol. Lanqas ma tikkontesta l-fatt li x-xogħlijiet ma kinux koperti bil-permessi meħtieġa jew li ma sarux skond tali permessi. Kif ingħad, il-bażi tal-ilment tal-azzjoni attriċi joħroġ minn **atteġġament**i ta' PBCM hu u għaddej ix-xogħol, u għaliex tqis li l-għoti ta' permess minn awtorita' ma jissarrafx f'liċenza li wieħed jagħmel li jrid[25];

"Illi f'dan il-waqt, għalhekk, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tqis il-kwestjoni tal-ħsara pretiża minn SCL fid-dawl tal-molestja u ksur ta' bonviċinat;

"Illi l-liġi tagħraf li sid ta' ħaġa jista' jgawdiha u jagħmel minnha bil-mod l-aktar assolut, basta li ma jagħmel biha l-

[24] Art. 1030 tal-Kap 16
[25] App. Ċiv. **19.2.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sacco et noe vs Bonniċi*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.79**)

ebda ħaġa li tmur kontra l-liġi[26]. Huwa magħruf ukoll li dak is-sid jista', b'qadi ta' l-imsemmi jedd, jagħmel fi ħwejġu t-tibdiliet li jidhirlu ta' siwi u konvenjenza għalih, ukoll jekk b'dan il-mod jkun qiegħed iċaħħad lill-ġar tiegħu minn xi vantaġġ li dan seta' kellu, sakemm dak il-bdil ma joħloqx molestja lil dak il-ġar[27]. Fuq kollox, biex il-ġar ikollu l-jedd iressaq ilment għal dawk it-tibdiliet, dik il-molestja trid tkun waħda gravi u mhux faċilment tollerabbli[28]. Element ieħor li jittieħed b'konsiderazzjoni huwa dak tal-anterjorita' tal-pussess[29];

"Illi kwestjonijiet dwar molestja jinbnew fuq apprezzament ta' fatt li jitolbu li min ikun imsejjaħ biex jaqta' l-kwestjoni jagħmel stħarriġ mibni kemm fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt u kif ukoll daqstant ieħor mibni fuq il-"bon sens fil-kwadru tal-inter-relazzjonijiet bejn il-viċini, l-għarfien ta' dik il-psikoloġija li ttendi biex teżaġera r-reazzjonijiet, u l-kapaċita' li tinstilet il-vera raġuni mill-pika"[30]. Fuq kollox, tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-użu ta' dritt jista' jinbidel f'abbuż "mhux biss meta s-sid fiżikament jidħol fl-art ta' ħaddieħor, iżda f'każijiet oħra ta' *immissio in alienum* b'meżżi li, għalkemm ma jidhrux jew ma jintmissux, xorta jinħassu. Ħsejjes, sħana, trabijiet u dħaħen ukoll jistgħu, jekk ma jkunux 'fil-qies li jmiss', jitqiesu bħala invażjonijiet illeċiti tal-proprjeta' ta' ħaddieħor u għalhekk il-ħsara li jagħmlu tkun *damnum iniuria datum*"[31];

"Illi aspett ieħor li ġeneralment joħroġ f'kull kwestjoni li tolqot l-element tal-inkonvenjent hija dik dwar il-grad ta' tolleranza għall-ħaġa jew għall-għamil li jkun qiegħed jiġġenera d-dannu. Dejjem hija mistoqsija iebsa dik li tipprova twieġeb x'inhu tollerabbli u x'mhuwiex, u dan mhux l-anqas minħabba l-aspett soġġettiv tal-persuna li

---

[26] Art. 320 tal-Kap 16

[27] App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Chetcuti vs Francis Aġius*** (mhix pubblikata)

[28] App. Ċiv. **7.10.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Abela vs Sebastian Żammit*** (mhix pubblikata)

[29] App. Ċiv. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Lina Manfre' et vs Fay Spiteri*** (mhix pubblikata)

[30] P.A. PS **24.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Baldacchino vs Edwin Paċe***

[31] P.A. GCD **20.10.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Anastasi et vs Lombard Bank Malta p.l.c.*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell, ħlief għal bidla ta' dettal, fid-**9.1.2009**)

tressaq l-ilment[32]. Bosta drabi, l-kejl biex wieħed iqis jekk inkonvenjent huwiex wieħed li ma jistax ikun raġonevolment tollerat huwa determinat miċ-ċirkostanzi konkreti tal-każ, imma jista' jinstilet minn ħsara jew dannu għas-saħħa ta' dak li jkun[33] jew li tħalli lill-persuna mikxufa għal periklu kontinwu[34];

"Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq imsemmija u mqabblin mal-fatti riżultanti, l-Qorti ssib li SCL kienet suġġetta għal molestja fit-tgawdija tagħha minħabba u matul iż-żmien li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet minn PBCW u li din il-molestja kienet waħda gravi u mhux tollerabbli. Din il-gravita' toħroġ ukoll mill-fatt li l-inkonvenjent ħalla l-effetti tiegħu fuq it-terzi, u għalhekk lil hinn mill-grad ta' tolleranza ta' SCL innifisha. Dawk l-effetti jissarrfu f'telf dirett imġarrab minn SCL. Tasal għall-fehma wkoll li l-atteġġament ta' PBCM kien wieħed li ġab ħsara lil SCL li setgħet kienet imnaqqsa bl-użu ta' aktar għaqal u prudenza, kif imsemmi minn SCL innifisha fis-sottomissjonijiet tagħha;

"Illi, wara li qieset b'reqqa l-fatti riżultanti l-aktar rilevanti, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

"Illi **dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi**, dawn jirrigwardaw ir-rimedju effettiv li l-attur *nomine* qiegħed jitlob f'din l-azzjoni. SCL qiegħda titlob il-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin minħabba x-xogħlijiet mibdija u mnedija minn PBCM fl-art tagħha biswit dik tal-kumpannija attriċi. M'għandux ikun hemm dubju li hemm dritt ta' kumpens għal danni naxxenti minn telf ta' qligħ ukoll fejn ix-xogħlijiet (għalkemm minnhom infushom ma jkunux attivita' illegali) iġibu magħhom inkonvenjent ta' natura finanzjarja lill-ġirien[35];

---

[32] App. Ċiv. **10.4.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Mifsud et vs Joseph Falzon*** (mhix pubblikata)

[33] Maġ. Għ. AE **28.6.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Graziella Catuogno pro et noe vs George Xuereb*** (trobbija ta' bhejjem f'passaġġ li jmiss ma' dar abitata)

[34] Maġ. Għ. AE **29.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Emmanuel Buttiġieġ et noe*** (appellata) (dwar ħażna ta' ċilindri tal-gass maġenb djar ta' abitazzjoni)

[35] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joanna Briffa vs Spinola Development Company Limited***

"Illi SCL tgħid li hija ġarrbet danni kbar u, fid-Dikjarazzjoni maħlufa flimkien mal-Att taċ-Ċitazzjoni ssemmi telf ta' 'l fuq minn mitejn u għoxrin elf lira Maltin (Lm 220,000)[36]. SCL wegħdet li tali allegazzjoni kellha tipprovaha aħjar waqt il-kawża. Il-prova li ressqet kienet tikkonsisti f'sett ta' *management accounts* u *audited accounts* marbutin mat-tmexxija tal-kumpannija attriċi. PBCM jgħidu li ma tressqux provi tajbin biex tassew juru x'kien it-telf imġarrab minn SCL u għalhekk m'hemmx elementi tajbin biżżejjed li fuqhom il-Qorti tista' timxi biex tillikwida d-danni mitluba;

"Illi l-Qorti taqbel ma' PBMC li SCL ma wettqitx b'mod xieraq l-allegazzjoni tagħha li tipprova kif imiss l-ammont ta' danni minnha allegati. Ukoll jekk wieħed kellu joqgħod fuq l-imsemmija *accounts*, kien ikun tassew diffiċli kif wieħed jista' jasal għas-somma pretiża minn SCL. Wieħed ma jridx jinsa li x-xogħlijiet ta' PBCM damu medda ta' tmintax-il xahar u li, matul dak iż-żmien, il-lukanda xorta waħda m'għalqitx il-bibien tagħha. Ma' dan, wieħed irid iqis ukoll li, sa żmien konsiderevoli wara li x-xogħlijiet intemmu, il-kummerċ fil-lukanda baqa' ma laħaqx xi livelli straordinarji, u dan minkejja li l-inkonvenjent maħluq mix-xogħlijiet ma kienx iżjed fattur li jikkawża lmenti. Fit-tielet lok, filwaqt li huwa minnu li l-ħsara li ġarrbet SCL ma setgħetx tfiq mill-ewwel minnufih kif intemmu x-xogħlijiet (ladarba n-negozju ta' tmexxija ta' lukanda jaħdem fuq il-kuntratti u l-prenotazzjonijiet li jsiru minn qabel), l-provi attriċi nfushom[37] (biex ma jingħadx ukoll l-istess sottomissjonijiet tagħhom) jindikaw li n-nuqqas ta' attivita' kummerċjali fil-lukanda kienet kundizzjonata wkoll minn xogħlijiet oħrajn li nbdew f'inħawi qrib il-lukanda minn terzi wara li ntemmu x-xogħlijiet ta' PBCW u mix-xejriet ekonomiċi li ġabu magħhom bidliet fl-għadd ta' turisti li jiġu Malta għall-btajjel tagħhom. Dawn il-fatturi ma jistgħux jitgħabbew fuq spallejn PBCW;

"Illi wara li l-Qorti ħadmet iċ-ċifri disponibbli, ħadet qies taċ-ċirkostanzi kollha msemmija u ta' kriterji xierqa

[36] Li jġibu € 512,462 fi flus tal-lum
[37] Per eżempju, xhieda ta' Joan Żammit 28.6.1999, f'paġġ. 42 – 3 tal-proċess

mħaddma mill-Qrati tagħna f'ċirkostanzi li jixxiebhu[38], tasal biex tillikwida d-dannu li għandu jitħallas lil SCL fis-somma ta' erbgħa u sittin elf u disa' mija u tnax-il euro (€64,912)[39];

"Illi għalhekk b'tali likwidazzjoni sejra tipprovdi biex tilqa' t-tieni talba attriċi;

"Illi dwar it-tielet talba attriċi jixraq li l-Qorti tqis **l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin. Fl-ewwel waħda minnhom, l-imħarrek Charles Polidano jgħid li ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpannija attriċi u lanqas kellu x'jaqsam b'xi mod personalment mal-ħsara pretiża minnha. Il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa. SCL ma ġabet l-ebda prova biex tirbot lill-imħarrek personalment mal-ġrajjiet li taw lok għal din il-kawża. Għamlet xi allegazzjonijiet matul in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, imma dawn ma jinsabux imsaħħa b'xi provi fl-atti tal-kawża;

"Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin dwar Charles Polidano fil-kwalita' personali tiegħu sejra tintlaqa';

"Illi dwar it-tieni eċċezzjoni, l-kumpanniji mħarrkin jittentaw ifarfru minn fuqhom kull sura ta' responsabbilta' għal dak li ġarrbet SCL. Tal-ewwel – jiġifieri Polidano Brothers Limited – billi tgħid li hija biss sid l-art li fuqha saru x-xogħlijiet; filwaqt li tat-tieni – Cement Mix Limited – tgħid li x-xogħlijiet saru minn kuntrattur ieħor li m'huwiex fil-kawża;

"Illi din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba. Il-fatt li l-kumpannija mħarrka hija biss sid il-post fejn saru x-xogħlijiet, ma jneħħix minn fuqha l-ko-responsabbilta' tagħha għal dak li seħħ. Ma hemm l-ebda dubju li dik il-kumpannija kienet taf bi u kienet trid li l-proġett tal-binja tal-kumpless ta' ċinema kien qiegħed jittella' fuq ħwejjiġha u kellha aspettativi li dak il-proġett kapitali kien se' jkun ta' fejda

---

[38] Ara, per eżempju, P.A. TM **16.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Fiorino d'Oro Co Ltd vs Direttur tat-Toroq*** (konfermata fl-Appell fis-**16.2.2006**)
[39] [€ 9628.98 - € 4820.65] x 0.75 x 18 = € 64,912

għaliha meta jitlesta. L-istess jingħad dwar il-kumpannija mħarrka l-oħra, għaliex huwa magħruf li r-responsabbilta' għal dak li jiġri ma titwarrabx sempliċement billi wieħed jipprova jinsatar wara l-ħidma ta' kuntrattur appaltat. Fuq kollox, l-allegazzjoni taż-żewġ kumpanniji mħarrka titwaqqa' mill-provi mressqa minnhom stess, partikolarment mix-xhieda ta' Anthony Polidano[40] li stqarr bla tlaqliq li huwa kien il-*foreman* inkarigat mill-proġett sa mill-bidu u li dan kien imqabbad miż-żewġ kumpanniji mħarrkin. L-istess jingħad għall-*foremen* l-oħrajn, li lkoll huma impjegati mal-kumpanniji mħarrkin[41];"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetajiet konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:
"1. Tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Emanuel Zammit bhala Direttur f'isem u fl-interess ta' Springfield Company Limited v. Charles Polidano f'ismu proprju u f'isem u fl-interess ta' Polidano Bros. Co. Limited u Cement Mix Co. Limited deciza fis-27 ta' Mejju 2010, in kwantu laqghet l-ewwel talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici;

"2. Tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti u thassar, tirrvoka u tannulla s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Emanuel Zammit bhala Direttur f'isem u fl-interess ta' Springfield Company Limited v. Charles Polidano f'ismu proprju u f'isem u fl-interess ta' Polidano Bros. Co. Limited u Cement Mix Co. Limited deciza fis-27 ta' Mejju 2010, in kwantu laqghet l-ewwel u t-tielet talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici;

"u/jew

"3. Tilqa' t-tielet aggravju tal-appellanti u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Emanuel Zammit bhala Direttur

[40] Paġ. 101 tal-proċess
[41] Xhieda ta' Emidio Vella u Mario Żammit 27.6.2001, f'paġġ. 110 u 121 tal-proċess

f'isem u fl-interess ta' Springfield Company Limited v. Charles Polidano f'ismu proprju u f'isem u fl-interess ta' Polidano Bros. Co. Limited u Cement Mix Co. Limited deciza fis-27 ta' Mejju 2010, in kwantu laqghet it-tieni u t-tielet talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

"4. Tilqa' t-tielet aggravju tal-appellanti u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Emanuel Zammit bhala Direttur f'isem u fl-interess ta' Springfield Company Limited v. Charles Polidano f'ismu proprju u f'isem u fl-interess ta' Polidano Bros. Co. Limited u Cement Mix Co. Limited deciza fis-27 ta' Mejju 2010, in kwantu kkundannat lis-socjetajiet konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza hlief dawk tal-konvenut Charles Polidano personalmnet bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici;"

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur (recte: il-konvenuti) appellanti, u li konsegwentement, is-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hija kawza li fiha s-socjeta` attrici qed titlob id-danni u telf ta' qliegh li lukanda li tmexxi bl-isem ta' "Springfield" garrbet b'rizultat ta' xoghlijiet strutturali li saru mill-konvenuti jew min minnhom, fuq sit biswit
l-istess lukanda. Il-fatti tal-kaz gew elenkati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha riprodotta bhala parti minn din is-sentenza. L-ewwel Qorti, wara li lliberat lill-konvenut Charles Polidano personalment mill-osservanza tal-gudizzju, sabet iz-zewg kumpaniji konvenuti responsabbli ghad-danni li garbet is-socjeta` attrici li llikwidat fis-somma ta' €64,912.

Is-socjetajiet konvenuti mizmuma responsabbli appellaw mis-sentenza u principalment ressqu aggravji marbuta mar-responsabbilita` taghhom ghall-istess dannu u marbuta mal-likwidazzjoni tad-danni.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti trid tittratta u tiddeciedi l-eccezzjonijiet preliminari li ressqu l-partijiet, wahda kull naha, marbuta ma' certi aspetti tal-kaz. Fl-ewwel lok, is-socjeta` attrici appellata talbet l-isfilz tad-dokumenti li s-socjetajiet konvenuti pprezentaw mal-appell taghhom. Fuq dan il-punt, filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell taghha, dawn id-dokumenti ma ghandhomx ikunu provi godda li setghu facilment gew prodotti fl-ewwel istanza, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Schembri**, deciza fit-22 ta' Frar, 2013, "*il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni, intiza sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel Qorti, u mhux li tisma' provi godda li setghu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti*". Il-provi kollha jridu jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, u jekk parti tonqos li taghmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi godda biex twaqqa' l-argumenti li l-ewwel Qorti, fuq il-provi prodotti, uzat biex waslet ghall-konkluzjoni taghha. Is-socjetajiet appellanti naqsu milli jippruvaw li quddiem l-ewwel Qorti huma kienu ppruvaw inutilment, bil-mezzi disponibbli ghalihom skont il-ligi, sabiex jipproducu d-dokumenti annessi mar-rikors taghhom. Il-gran parte tal-informazzjoni li tohrog mid-dokumenti esebiti kienet disponibbli, u l-ftit informazzjoni gdida (u cioe` sallum baqghu ma gewx prezentati audited accounts min-naha tas-socjeta` attrici) ma ghandhiex tinfluwenza d-decizjoni li bilfors trid tintrabat mal-istat ta' fatt kif kien jirrizulta lill-ewwel Qorti. Kwindi, din il-Qorti, filwaqt li mhux ser tordna l-isfilz taghhom minhabba dak li jghid l-Artikolu 145 tal-Kkodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tiddikjara li d-dokumenti in kwistjoni mhux se jinghataw valur probatorju f'din is-sede (ara **Micallef v. Brian Tyre Services Ltd et**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju, 2013).

Fit-tieni lok, bhala eccezzjoni preliminari, is-socjetajiet appellanti ssollevaw aggravju fis-sens li s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet wahda extra petita. Dan qed jinghad peress li l-ewwel Qorti sabithom responsabbli fid-dawl tal-“attaggamenti” tal-istess socjetajiet; dan, skont huma, ma setghetx taghmlu peress li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq danni li sofrew minhabba l-“agir attiv” taghhom, li huwa differenti minn xi “agir passiv (atteggament)” kif qalet l-ewwel Qorti. Ghal din il-Qorti dan l-aggravju huwa frivoli u loghob bil-kliem. L-azzjoni attrici hija cara u bbazata fuq l-allegati nuqqasijiet da parti tas-socjetajiet konvenuti li wassluha ssofri telf ta’ negozju u danni ohra, u ghalkemm is-socjeta` attrici elenkat certa attivita` li skont hi wasslet ghal dan it-telf, qalet ukoll li dik l-attivita` hekk elenkata kienet “fost hwejjeg ohra”, frazi li hi wiesa bizzejjed biex tkopri kull agir, attiv jew passiv, li b’rizultat tieghu s-socjeta` attrici sofriet dannu.

L-ewwel Qorti sabet li certi kapi ta’ danni reklamati mis-socjeta` attrici ma gewx ippruvati, u llikwidat danni a bazi biss tal-kawzali “ta’ telf ta’ negozju u molestja”. Hija baqghet fil-parametri tat-talba attrici, u dan billi cahdet t-talba ghall-kumpens ghall-hsarat fil-post (peress illi ma saretx il-prova), pero` laqghet it-talbiet ghad-danni a bazi ta’ kawzali ohra kif ippruvati. L-ewwel Qorti, isegwi, baqghet strettament fil-limiti tal-kawzali, u bil-fatt li ma saretx prova ta’ kawzali (hsara fil-post), ma jsegwix li l-kawza kollha kellha tintilef, darba li r-ragunijiet l-ohra li wasslu ghal danni kienu, skont l-ewwel Qorti, ippruvati.

Fil-meritu s-socjetajiet appellanti jghidu li fil-waqt li l-ewwel Qorti ghamlet espozizzjoni korretta tal-ligi applikabbli fil-kaz, ghamlet applikazzjoni zbaljata meta giet biex tapplika l-istess. Dan qed jghiduh peress illi skont huma, il-persuna responsabbli ghax-xoghlijiet fuq is-sit kien certu Ritchie Micallef, kuntrattur imqabbad biex jiehu hsieb ix-xoghol fuq is-sit. Din il-Qorti tara li ghalkemm jista’ jkun minnu li dan Ritchie Micallef kien il-persuna inkarigata mix-xoghol, il-proprjeta` tas-sit kienet tas-socjeta` konvenuta, issa maghrufa bl-isem Polidano Group Ltd., u kien fuq inkarigu tas-socjetajiet konvenuti li sar ix-xoghol. Fil-fatt, impjegati tas-socjetajiet konvenuti kienu foremen

fuq is-sit u kellhom id-direzzjoni tax-xoghol kollu, u ma jistghux, allura, jinhelsu mir-responsabbilita`. Jekk is-socjetajiet riedu jitfghu xi parti mit-tort fuq din il-persuna, kellhom jitolbu l-kjamata fil-kawza tieghu, pero`, dan ma sarx u f'dawn il-proceduri din il-persuna baqghet *terzo ignoto* u ebda parti mir-responsabbilita` ma tista' tintefa' fuqha (ara **Cassar v. Spiteri**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Settembru, 2013 u **Borg v. Grima** deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 1999). Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jehilsu mir-responsabbilita` billi jghidu li qabbdu persuna biex tiehu hsieb ix-xoghol, ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, is-socjeta` attrici sofriet danni (specjalment meta tower crane intrama ezatt mal-faccata tal-lukanda tas-socjeta` attrici), isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogholha, u ghall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza ghandhom ibatu wkoll is-sidien, is-socjetajiet konvenuti appellanti (ara **Grech v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u **Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et.**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' gurisprudenza, inghad li "*il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilita` ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi*"). Hu car, kif taraha din il-Qorti, li allura ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici, ma jahti hadd hlief is-socjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-quantum tad-danni, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti qieset l-ilmenti tas-socjetajiet konvenuti, tant li osservat li s-socjeta` attrici "*ma wettqitx b'mod xieraq l-allegazzjoni taghha li tipprova kif imiss l-ammont ta' danni allegati*", pero`, kellha, fi kliemha, bizzejjed "*cifri disponibbli*" biex tasal ghal somma ta' danni, li ghalkemm anqas minn dik mitluba, tirrifletti danni li setghet tikkalkula a bazi tal-provi prodotti. Il-fatt li l-ewwel Qorti mxiet fuq il-management accounts tal-kumpanija, li ghadhom ma gewx audited, ma jfissirx li dawk l-accounts ma jaghtux stampa cara u reali tas-socjeta` attrici. L-ewwel Qorti, fil-kalkoli taghha, qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz dawk favur is-socjetajiet

konvenuti (tnaqqis fl-attivita` tal-lukanda rizultat ta' xoghlijiet ohrajn fil-qrib minn terzi, li ma jistghux jitghabbew fuq spallejn is-socjetajiet konvenuti), u waslet biex, bl-uzu ta' diskrezzjoni, tillikwida d-danni f'ammont ta' €64,912. Hu fil-fatt rikonoxxut lill-gudikant, anke fis-sistema tal-ligi taghna, il-poter diskrezzjonali illi jillikwida t-telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Mhux dejjem hu possibbli illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza tal-entita` tat-telf, u dan l-aktar meta jkunu jezistu diversi konkawzi ghad-dannu, li joholqu diffikultajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika u certa tat-telf. Ghalhekk, minn dejjem giet rikonoxxuta l-possibbilita` ta' valutazzjoni "*ex aequo et bono*" (ara Kollez. Vol. XXXV.III.615). Fil-fatt jista' jinghad li huwa d-dover tal-Qorti li thares kemm l-interessi tad-danneggjat kif ukoll dawk tad-danneggjant u tasal ghall-ammont li jirrapprezenta bilanc ekwu u gust bejn iz-zewg interessi. Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel Qorti wettqet ezercizzju gust li ma ghandux jigi disturbat.

Fir-rigward tal-aggravju marbut mal-capo spese, din il-Qorti tara li meta tqis li s-socjeta` attrici kienet qed tippretendi, in linea ta' dannu, somma in eccess ta' Lm220,000 (illum €512,462.15), izda inghatat biss €64,912, minhabba n-nuqqas tas-socjeta` attrici li tressaq provi adegwati, taqbel illi ghandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjetajiet Polidano Brothers Ltd. u Polidano Group Ltd. gia` Cement Mix Co. Ltd., billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti – b'dan pero`, li l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu kwart ($^{1}/_{4}$) mis-socjeta` attrici, u tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-kumpaniji konvenuti appellanti in solidum, hlief dawk tal-konvenut Charles Polidano personalment, li ghandha thallashom il-kumpanija attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------